MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Numru. 185/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud**

**Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Derin sive Darren Mangion**

**(ID 299876(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Derin sive Darren Mangion, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 299876(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Novembru 2001, u s-sitt xhur ta' qabel, gewwa Ta' Qali (Limiti tar-Rabat) u fi bnadi ohra f'Malta, f'hinijiet differenti:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini

Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-26 ta’ April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga’ tisma’ l-provi mressqa f’din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-6 ta’ Novembru 2013, il-prosekuzzjoni ddikjarat illi dan kien kaz ta’ traffikar *by sharing* u illi fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 2014, iddikjarat ukoll illi dan kien japplika wkoll fir-rigward tat-tieni imputazzjoni;

Rat ukoll illi fl-istess seduta tal-11 ta' Lulju 2014, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Fir-rigward tal-imputazzjoni (c) madankollu, minkejja l-ammissjoni tieghu, il-Qorti m'hijiex qed issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Ai termini tal-Artikolu 694 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti *ex officio*, u l-imputat jew akkuzat ma jistax jirrinunzja ghaliha. Dan, ghalhekk, minkejja l-ammissjoni tal-imputat anke fir-rigward tal-imputazzjoni (c).

L-imputazzjonijiet odjerni, inkluz l-imputazzjoni (c), jirreferu ghal lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Novembru 2001 u s-sitt xhur ta' qabel din id-data. L-imputat deher l-ewwel darba quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, fid-9 ta' Lulju 2007. Qabel dik id-data, gew mizmuma hames seduti ohrajn ossia fil-5 ta' Dicembru 2005, fit-3 ta' Marzu 2006, fis-26 ta' Gunju 2006, fit-3 ta' Novembru 2006 u fl-20 ta' Marzu 2007, izda kif jirrizulta mill-verbali ta' dawn is-seduti, il-kawza giet differita ghan-notifika tal-imputat. Fl-atti, sas-seduta tad-9 ta' Lulju 2007, m'hemm l-ebda riferta tan-notifika tal-imputat. Ghalhekk, kif anke gie

ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Bartholomew Bonnici** tal-31 ta' Ottubru 2013, la darba fl-atti m'hemm l-ebda riferta tan-notifika tal-imputat sal-ewwel seduta, l-unika data li l-Qorti tista' torbot fuqha ghal fini ta' notifika hija d-data tal-ewwel seduta li ghaliha deher l-imputat u cioe` dik tad-9 ta' Lulju 2007, fejn bil-presenza tieghu, l-imputat kien qed jikkonferma tali notifika u jissottometti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti.

L-imputazzjoni (c) tirreferi ghall-pussess semplici ta' droga kokaina u ghaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-imputazzjoni hija preskrivibbli b'terminu ta' hames snin. Stante illi bejn id-data li ghaliha tirreferi din l-imputazzjoni – ossia l-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Novembru 2001 u s-sitt xhur ta' qabel din id-data - u d-9 ta' Lulju 2007, ghaddew izjed minn hames snin, ghaldaqstant, jirrizulta illi din l-imputazzjoni hija preskritta.

Ghalhekk, kif inghad izjed il'fuq, il-Qorti qed issib lill-imputat hati biss tal-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, fl-ewwel lok, id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi dan kien kaz ta' traffikar *by sharing*. Qieset ukoll illi l-ammont ta' droga kokaina in kwistjoni kien wiehed minimu, tant illi kif xehed PC 10 Trevor Cassar Mallia[1], matul it-tfittxija fil-vettura tal-imputat, instab qartas tal-*foil* bit-trab abjad suspettat kokaina.

Qieset ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat mil-liema jirrizulta, illi l-imputat instab hati *inter alia* ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku, ragion fattasi, diversi reati kontravvenzjonali, ir-reati kkontemplati fl-Artikoli 95 (f'zewg okkazzjonijiet) u 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, griehi ta' natura hafifa, hsara volontarja, kif ukoll ta' pussess illegali ossia semplici ta' droga kokaina (f'zewg okkazzjonijiet) u droga eroina.

[1] A fol. 40 *et seq* tal-process.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra illi ghalkemm kien hemm diversi seduti fejn l-imputat ma deherx minkejja li kien notifikat, fil-waqt illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghas-sena 2001, l-imputat gie notifikat ghall-ewwel darba sabiex jidher quddiem il-Qorti, ghas-seduta tad-9 ta’ Lulju 2007 u cioe` kwazi sitt snin wara d-data tar-reati odjerni. Qieset ukoll illi sal-ahhar seduta li giet mizmuma quddiem din il-Qorti, u cioe` sal-11 ta’ Lulju 2014, meta l-imputat irregistra ammissjoni, il-Prosekuzzjoni kienet ghadha m’ghalqitx il-provi taghha. Ghalhekk ghalkemm l-imputat ikkontribwixxa in parte ghat-tul ta’ dawn il-proceduri, biss fil-maggor parti tieghu, dan it-tul ma kienx attribwibbli ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat.

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet, fis-sens illi llum l-imputat ghandu mpjieg fiss u hajja stabbli u s-suggeriment taghhom dwar il-piena fis-sens illi l-Qorti tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti qeghda tapplika l-*proviso* ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fis-sens illi r-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (b) serva bhala mezz ghal fini sabiex seta’ jigi mwettaq ir-reat fl-imputazzjoni (a).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 u tal-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta,

qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara l-imputazzjoni (c) bhala preskritta u ghaldaqstant estinta.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata u li l-beneficcju moghti ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jista' jigi applikat darba biss.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga li tinsab esebita bhala Dok. DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------